32004D0817

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Novembru 2004

li tawtorizza lill-Ġermanja tapplika miżura derogatorja mill-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' taxxi fuq il-valur tal-bejgħ

(2004/817/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra s-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' taxxi fuq il-valur tal-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 27(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

[1] ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/66/KE (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 35).

Billi:

(1) B'ittra reġistrata mis-Segretarjat-Ġenerali tal-Kummissjoni fit-22 ta' Marzu 2004, l-awtoritajiet Ġermaniżi talbu l-awtorizzazzjoni biex ikomplu japplikaw deroga li kienet ingħatat bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/186/KE[1].

(2) L-Istati Membri l-oħra ġew informati b'din it-talba fis-6 ta' Awissu 2004.

(3) Il-miżura derogatorja hija intiża biex teskludi kompletament in-nefqa għal oġġetti u servizzi mid-dritt ta' tnaqqis tal-VAT meta aktar minn 90% ta' l-oġġetti u servizzi huma użati għal skopijiet privati tal-persuna taxxabbli, jew ta' l-impjegati tagħha, jew għal skopijiet li mhumiex ta' negozju in ġenerali. Din il-miżura hija deroga mill-Artikolu 17 tad-Direttiva 77/388/KEE, kif emendata bl-Artikolu 28f ta' dik id-Direttiva, u hija ġġustifikata bil-ħtieġa li tiġi simplifikata l-proċedura li biha tintalab il-VAT; hija taffettwa l-ammont ta' taxxa dovut fl-istadju finali tal-konsum biss negliġibbilment.

(4) L-awtorizzazzjoni skadiet fit-30 ta' Ġunju 2004[2], għalkemm is-sitwazzjoni legali u l-fatti li ġġustifikaw l-applikazzjoni tal-miżura ta' simplifikazzjoni in kwistjoni ma tbiddlux u għadhom jeżistu.

---

1 ĠU L 59, 4.3.2000, p. 12.

2 Deċiżjoni 2003/354/KE (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 47).

(5) Fis-sentenza reċenti tagħha tad-29 ta' April 2004 fil-każ C-17/01, il-Qorti ddeċidiet li l-konsiderazzjoni tal-proċedura qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/186/KE tat-28 ta' Frar 2000 ma ħarġet l-ebda irregolarità bħala li taffettwa l-validità ta' dik id-deċiżjoni. Il-Ġermanja għandha għalhekk tiġi awtorizzata tapplika l-miżura ta' simplifikazzjoni matul perijodu ulterjuri ta' żmien sal-31 ta' Diċembru 2009.

(6) Id-deroga mhi ser ikollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorzi proprji tal-Komunità mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Ġermanja hija awtorizzata li teskludi n-nefqa fuq oġġetti u servizzi mid-dritt ta' tnaqqis tal-VAT meta aktar minn 90% ta' l-oġġetti u servizzi in kwistjoni huma użati għal skopijiet privati tal-persuna taxxabbli, jew ta' l-impjegati tagħha, jew, b'mod aktar ġenerali, għal skopijiet li mhumiex ta' negozju.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2009.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Novembru 2004.

Għall-Kunsill
Il-President

J. P. H. DONNER